Għaqda Biblika Maltija
MALTA BIBLE SOCIETY

Dar il-Bibbja, 62 Triq il-Miratur, Floriana VLT 16 Malta
Tel: 21220318 – Fax: 21236621 – Email: info@maltabible.com

# Komunikat għall-Istampa

## JUM IL-BIBBJA 2006

Jum il-Bibbja se jkun iċċelebrat f'Malta u Għawdex nhar il-Ħadd 29 ta' Ottubru 2006. It-tema magħżula għal dan il-Jum hi meħuda mill-kliem tal-Profeta Ġeremija : *'Jien sibt kliemek u kiltu, u kelmtek saritli l-ferħ u l-hena ta' qalbi.'* (Ġer 15, 16).

F'messaġġ li stampat biex jitqassam fid-djar, fl-iskejjel u fil-parroċċi, l-Għaqda Biblika Maltija spjegat li din it-tema hi stedina lil kulħadd biex iħalli dan il-kliem ta' l-Iskrittura jinżel fil-qalb bl-istess ħeġġa li l-Profeta esprima ruħu ma' Alla għal dak li l-istess Kelma ta' Alla wettqet fih. Hu ukoll awgurju li kull persuna tħoss dan il-ġuħ għall-Kelma ta' Alla f'ħajja mimlija b'tant attività u f'dinja fejn tant kliem ieħor jaf jieħu preċedenza fuq il-vuċi ta' Alla fil-ħajja tal-bniedem. L-Għaqda Biblika tħeġġeġ biex l-insara ma jibżgħux jersqu lejn il-Kelma ta' Alla fil-Bibbja li f'pajjiżna tista' tinkiseb bl-akbar faċilità, u ma jibżgħux isiru daqshekk familjari magħha li bħall-Profeta *jieklu l-istess Kelma ta' Alla* tant li ssir id-direzzjoni għal ħajjithom.

Flimkien ma' dan il-messaġġ għal Jum il-Bibbja l-Għaqda Biblika ħarġet ktejjeb bl-isem IL-ĦAJJA. L-għan ta' dan il-ktejjeb hu li jpoġġi l-mistoqsijiet fundamentali li jagħmel kull bniedem fuq x'sens fiha l-ħajja u t-tweġibiet jingħataw kollha mill-Kliem ta' l-Iskrittura. Hu ktejjeb b'disinn modern u attraenti ħafna, imma fuq kollox hu ta' daqs prattiku li jista' jinġarr ġol-but. Il-ktejjeb iwieġeb domandi bħal *x'sens fiha ħajti?, x'ġejt nagħmel fid-dinja?, jien min jien?*

Hu ktejjeb maħsub biex jintuża' minn dawk kollha li jridu jwasslu l-messaġġ qawwi tal-Kelma ta' Alla l-aktar lil dawk li għadhom qatt ma ltaqgħu mal-Bibbja mill-viċin. Bil-format sabiħ u sempliċi tiegħu, il-ktejjeb hu għodda li wieħed għandu juża' biex juri kemm Alla jkellem lill-qalb tal-bniedem bl-aktar sempliċità u kemm il-Bibbja fiha risposta għal kull problema li l-bniedem jista' jiltaqa' magħha.

L-Għaqda Biblika Maltija stampat dan il-ktejjeb flimkien ma' l-organizzazzjoni dinjija LIFEWORDS li l-missjoni tagħha hi dik li permezz ta' pubblikazzjonijiet u riżorsi oħra twassal il-messaġġ pożittiv u ħaj tal-Kelma ta' Alla fil-Bibbja.

Sa issa l-Bibbja inqalbet fi 375 lingwa mis-6,000 lingwa mitkellma fid-dinja u għal 3 biljun persuna l-Bibbja hi lussu li ma jistgħux jippermettu f'ħajjithom minħabba l-faqar li jgħixu fih. Malta hi waħda mill-pajjiżi li għandha l-Bibbja fl-ilsien mitkellem tagħha u l-Bibbja tinbiegħ bi prezz li kulħadd jiflaħ iħallas.

Min jixtieq aktar informazzjoni jista' jikkuntattja lill-Għaqda Biblika Maltija, Dar il-Bibbja, 62 Triq il-Miratur, Floriana, telefon 21220318 bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa mid-0900 sas-1300 u mis-1400 sal-1700; email: info@maltabible.com jew billi jżur il-website www.maltabible.com

*Grace Cilia*
*Segretarja Ġenerali*
*Għaqda Biblika Maltija*